# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 33/2021 BS**

**Carmel Formosa**

**-vs-**

**Lawrence Micallef; Rose Ann Micallef;**
**u Mary Micallef**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur[1] li ppremetta:**

1. ILLI l-attur huwa sid ta' fond b'art annessa miegħu bl-indirizz *La Petra*, Triq Bullara, ix-Xagħra, Għawdex;

2. ILLI l-konvenuti jew min minnhom huma propjetarji u pussessuri tal-fond b'art annessa miegħu bl-indirizz 121, Triq Bullara, ix-Xagħra, Għawdex u ta' għalqa fil-viċinanzi liema għalqa tgawdi aċċess neċessarju bir-riġel minn fuq il-propjetà tal-esponenti fuq indikata;

[1] Rik. gur. a fol 1 sa 3.

3. ILLI ġewwa l-mogħdija propjetà tal-esponenti kien hemm tirġien [sic] li jservu sabiex jiffaċilitaw l-aċċess tal-esponenti fuq l-istess mogħdija;

4. ILLI nhar is-6 ta' Marzu 2021 u fil-ġimgħat sussegwenti l-intimati jew min minnhom ikkommettew spoll klandestin u vjolenti fejn huma qalgħu dawn it-tirġien [sic] u irmew [sic] l-istess tirġien [sic] ġewwa propjetà ta' terzi;

5. ILLI minkejja li ġew interpellati formalment il-konvenuti xorta waħda baqgħu jippersistu bl-ispoll minnhom kommess;

6. ILLI r-rikorrenti jikkonferma li jaf bil-fatti hawn elenkati personalment, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Talab għalhekk lill din il-Qorti:**

1. Tiddikjara u tiddedċiedi [sic] illi nhar is-6 ta' Marzu 2021 u fil-ġimgħat sussegwenti l-konvenuti personalment jew min minnhom jew bl-għajnuna ta' terzi persuni kkommettew spoll vjolenti u klandestin billi qalgħu tirġien [sic] propjetà tal-esponenti;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss lilhom jispurgaw l-istess spoll vjolenti u klandestin minnhom kommess u jpoġġu kollox fl-istat pristinu tiegħu taħt is-supervizzjoni [sic] ta' perit u arkitett ċivili nominandi; u

3. Tawtorizza lill-attur sabiex fin-nuqqas tal-konvenuti, jagħmel dak ix-xogħol ritenut neċessarju a spejjeż ta' l-istess [sic] konvenuti.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti kompriżi dawk tal-Ittra Uffiċjali tat-13 ta' April 2021 ref: 241/2021 li minn issa huma nġunti in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti[2] li eċċepew:**

1. ILLI ma jeżistux l-estremi rikjesti mil-liġi sabiex tirnexxi kawża ta' spoll;

2. ILLI l-ebda wieħed mill-elementi li trid il-liġi għas-suċċess ta' kawża ta' spoll ma hu preżenti;

3. ILLI ħadd mill-eċċipjenti ma wettaq xi spoll kif allegat;

4. ILLI d-domandi attriċi huma nfondati fid-drit u fil-fatt;

5. ILLI din ir-risposta qed tiġi kkonfermata minn Rose Ann Micallef li għandha konoxxenza vera u propja tal-fatti in kawża.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2022 l-attur iddikjara l-provi tieghu maghluqha.[3]

**Rat** li fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2023 il-konvenuti ddikjaraw il-provi taghhom maghluqha.[4]

**Rat** li fl-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2023 il-partijiet iddikjaraw li l-kawza tista tithalla ghas-sentenza bil-fakulta' li jsiru noti tal-osservazzjonijiet finali.[5]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.[6]

**Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.**

---

[2] Risposta guramentata a fol 14.
[3] Verbal a fol 44.
[4] Verbal a fol 69.
[5] Verbal a fol 70.
[6] Verbal a fol 70.

**B. Provi:**

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**Carmel Formosa**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[7] Jiddikjara li huwa sid il-fond *"La Petra"* li akkwista b'kuntratt ta' kompravendita' li jezebixxi kopja tieghu.[8] Jipprezenta wkoll pjanta li turi l-estent tal-proprjeta' tieghu kif ukoll l-estent tal-proprjeta' tal-konvenuti li tinsab biswiet dik tieghu.

Jixhed li l-konvenuti ghandhom dritt ta' passagg bir-rigel minn mghodija li hija proprjeta' tieghu u tifforma parti mill-proprjeta' *"La Petra"*. Jimmarka l-istess mghodija fuq il-pjanta ezebita minnu.

Ikompli li sabiex jaccedi ghal fuq l-istess mghodija, huwa ghandu entrata maghluqha b'bieb. Jimmarka l-istess entrata fuq il-pjanta diga ezebita.

Jghid li bejn dan il-bieb u l-mghodija hemm dizlivell ta' xi zewg piedi. Izid li ghalhekk, f'Ottubru tal-2020, flimkien ma' ibnu kien ghamel ghatba sabiex inaqqas mid-dizlivell.

Jiddikjara li ghal bidu ta' Jannar, 2021 beda l-inkwiet mal-konvenuti u dan wara li l-istess ghaddew b'mohriet minn fuq din l-ghatba u saret il-hsara. Izid li l-konvenuti m'ghandhomx dritt jghaddu b'mohriet izda jistghu jghaddu biss bir-rigel.

Jixhed li dwar din il-hsara ilmenta mal-konvenuta Roseann, l-ewwel bil-fomm u aktar tard b'ittra legali li jipprezenta kopja taghha.[9]

Jiddikjara li fit-23 ta' Frar, 2021 il-konvenuti ntavolaw ittra gudizzjarja b'referenza ghall-ittra precedenti tieghu fejn interpellawh inehhi l-ghatba. Jezebixxi kopja tal-ittra gudizzjarja.[10]

---

[7] Affidavit a fol 21 u 22 b'dokumenti annnessi.
[8] Kuntratt tas-7 ta' Marzu, 1986 in atti Nutar Emmanuel George Cefai a fol 23 sa 27.
[9] Ittra legali mhux datata a fol 29.
[10] Ittra gudizzjarja a fol 30 u 31.

Jghid li l-konvenuti mhux talli baqghu jghaddu bil-mohriet izda fis-6 ta' Marzu, 2021 il-konvenuti Roseann u huha Lawrence qalghu l-ghatba. Jezebixxi filmat li juri dan l-agir.[11]

Jezebixxi wkoll ritratt li juri meta saret l-ghatba – fid-9 ta' Ottubru, 2020[12] – kif ukoll estratti stampati mil-filmat tas-6 ta' Marzu, 2021 li juru lill-konvenuti ahwa Lawrence u Roseann Micallef jaqilghu l-ghatba.[13]

Jghid li wara dan huwa reggha bena l-ghatba diversi drabi izda din baqghet dejjem tinqalgha mill-konvenuta Roseann Micallef. Jghid li huwa dejjem bena l-ghatba bil-brikks ghajr l-ahhar darba fejn flokha pogga kantun li ghadu hemm sallum.

Jezebixxi wkoll kopja ta' ittra gudizzjarja li ntavola kontra l-konvenuti qabel prosegwa bil-kawza odjerna.[14]

**In kontro-ezami**,[15] xehed li *"La Petra"* hija d-dar tieghu u ilu li bniha minn xi l-1995. Jaqbel li huwa ghamel l-ghatba peress li diehel fiz-zmien u kien isibha difficli jinzel mil-bieb li ghandu ghal gol-mghodija. Jghid li din l-ghatba ghamilha f'Ottubru, 2020. Jispjega li fil-fatt pogga xi brikks f'forma ta' tarag.

Jaqbel li l-ghatba in kwistjoni saret kif tidher fir-ritratt a fol 34.

Mistoqsi xi hsara saret meta qal li l-konvenuti ghaddew bil-mohriet mil-mghodija jghid li il-brikks gew *chipped*. Jaqbel li zmien wara li saret din il-hsara huwa flok il-brikks pogga kantun. Izid li l-kantun poggieh f'Marzu, 2021.

Muri sensiela ta' ritratti, jaqbel li dak a fol 63 juri l-ahhar parti tal-mghodija, mentri dawk a fol 64 sa 67 juru l-kumplament tal-mghodija bil-kantun li pogga huwa.

Mistoqsi jispjega ladarba l-brikks ghamilhom f'Ottubru 2020 u l-kantun ghamlu f'Marzu, 2021, kif kien jidhol bejn Ottubru u Marzu, jghid li hu

---

[11] Filmat prodott fuq *CD* li jinsab a fol 33.
[12] Ritratt a fol 34.
[13] Estratti a fol 35 sa 39.
[14] Ittra gudizzjarja numru 241/2021 tat-13 ta' April, 2021 a fol 40 u 41.
[15] Traskrizzjoni a fol 50 sa 58.

kien baqa' jerga jaghmel l-ghatba bil-brikks sa' ma' fl-ahhar pogga l-kantun.

Jghid li l-kantun ghadu hemm sallum.

Jghid li qabel pogga l-kantun kien sikwiet ipoggi l-brikks bil-konvenuti kienu kull darba jnehhuhomlu. Jghid li l-konvenuti anke l-kantun pruvaw inehhulu izda ma' nehhewhx ghax tqil. Jikkoregi ruhu u jghid li l-kantun ma' nehhewx mhux ghax tqil izda ghax waqqafhom.

Jghid li huwa bil-kantun jinqeda tajjeb.

**James Paul Formosa**, iben l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[16] Jiddikjara li f'Ottubru, 2020 huwa ta' daqqa t'id lill-missieru sabiex poggew xi brikks biex saret ghatba gol-mghodija fuq il-Lvant tal-proprjeta' ta' missieru *"La Petra"*. Jixhed li din l-ghatba kienet saret kif tidher fir-ritratt tad-9 ta' Ottubru, 2020.

Izid li ghal-bidu tas-sena 2021 missieru lmenta mal-konvenuta Roseann wara li din ghaddiet mill-moghdija b'mohriet u ghamlet hsara lill-ghatba.

Jixhed li wara dan, u fis-6 ta' Marzu, 2021, il-konvenuta Roseann u huha qalghu l-ghatba skond kif jirrizulta mil-filmat ezebit minn misiseru.

**Lawrence Micallef**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[17] Jiddikjara li huwa wiehed mill-ahwa Micallef li lkoll trabbew fil-fond numru 121, Triq Bullara, ix-Xaghra, Ghawdex li huwa tal-genituri tieghu.

Jghid li dan il-fond ghandu ghalqa fuq wara li ma' tmissx ezatt mieghu. Izid li ghalhekk sabiex jaccedu fl-ghalqa jutilizzaw il-mghodija li qieghda fuq il-proprjeta' tal-attur. Izid li dan huwa l-uniku mezz ta' access li ghandhom.

Jiddikjara li fl-antik kienu jghaddu minn fuq l-ghalqa tal-attur b'dan li meta l-attur bena, kienu ftehmu li jhalli mghodija kif inhi llum.

[16] Affidavit a fol 43.
[17] Affidavit a fol 61u 62.

Izid li mill-istess mghodija dejjem ghaddew minghajr problemi u dan sal-2020 meta l-attur talabhom ibieghulu l-ghalqa taghhom izda huma rrifjutaw.

Jiddikjara li hawnhekk l-attur sar vendikattiv u beda jaqla' l-problemi lill-ohtu Roseann meta din kienet tmur sabiex taccedi fl-ghalqa taghhom bil-mohriet.

Jghid li eventwalment, u lejn Ottubru, 2020, l-attur pogga l-brikks fil-mghodija sabiex ifforma ghatba. Izid li huwa nehhihom. Jghid li mbaghad damu zmien minghajr ostaklu sakemm fl-ewwel xahrejn ta' l-2021 l-attur pogga kantun kbir bhala ghatba. Jghid li l-kantun ma' messewhx fuq parir tal-avukat taghhom.

Jghid li dan il-kantun ghadu hemm sallum u l-attur juzah bhala ghatba.

Jghid li huwa tkellem mal-attur u spjegalu li huma l-ghalqa ma' jistghux ibieghuha sakemm ghadha tahdimha ohthom Roseann. Jghid li hawn l-attur qallu li jiltaqghu l-Qorti. Izid li mbaghad ircevew il-kawza odjerna.

Jghid li ma' jifhimx ghalfejn l-attur ghamel il-kawza ghaliex l-ghatba li ghamel hemm ghadha u l-attur ghadu juzaha sal-lum.

Jezebixxi sett ta' ritratti li juru l-ghatba tal-kantun li ghamel l-attur.[18]

**Jessica Refalo**, xehdet permezz ta' affidavit.[19] Tiddikjara li hija tigi oht il-konvenut Lawrence u wara li rat l-affidavit tieghu taqbel mal-kontenut tal-istess ghajr ghal fejn hija ma' kienitx prezenti.

Tghid li taf li tpoggew xi brikks sabiex giet iffurmata ghatba lejn l-ahhar ta' Settembru, 2020 li tnehhew minn huha peress li ohtha ma' setghetx tghaddi bil-mohriet.

Izzid li ftit zmien wara dan, lejn l-ahhar ta' Frar, 2021 tpogga kantun minflok il-brikks b'dan il-kantun ghadu hemm sal-lum.

[18] Ritratti a fol 63 sa 67.
[19] Affidavit a fol 68.

## C. Ikkunsidrat:

**Preliminari:**

B'din l-istanza l-attur talab dikjarazzjoni li l-konvenuti kkommettew spoll klandestin u vjolenti meta fis-6 ta' Marzu, 2021 u fil-gimghat sussegwenti personalment, minn minnhom, jew bl-ghajnuna ta' terzi persuni qalghu ghatba proprjeta' tieghu.

Konsegwentement talab sabiex il-konvenuti jew minn minnhom jigu kkundannati jispurgaw l-istess spoll u jirripristinaw il-proprjeta' tieghu f'terminu qasir u perentorju b'dan li, fin-nuqqas, ikun huwa awtorizzat jaghmel ix-xoghol mehtieg a spejjez taghhom.

Il-konvenuti laqghu ghat-talbiet atturi billi eccepew li ma' jissussistux l-elementi ta' spoll, li huma ma' wettqu ebda spoll, u li t-talbiet atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-*actio spolii*, bhal ma' hija din l-azzjoni tal-lum kif ittentata mill-attur, hija regolata mill-Artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, li jaqra:

> **535.** *(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Minn dan l-artikolu jirrizultaw l-elementi essenzjali sabiex attur jirnexxi f'azzjoni ta' spoll.

Dawn l-elementi huma tlieta:

i. li huwa kien jipposjedi l-oggett in mertu b'pussess ta' kwalunkwe' xorta jew b'detenzjoni - *possedisse;*
ii. li huwa gie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni - *spoliatum fuisse*, u;
iii. li huwa ntavola l-kawza ta' spoll fi zmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu - *infra bimester deduxisse*.

**Rigward l-ewwel element, il-*possedisse*,** huwa pacifiku li l-espressjoni *"pussess ta' liema xorta jkun"* tikkomprendi kwalunkwe' tip ta' "pussess" inkluz dak civili *kemm dak semplicimant naturali u anke dak vizzjuz*.[20]

Inghad infatti:

> *"Neanche' e' permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no; perche' la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto; tanto e' vero che si concede la detta azione anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui" (Vol X p55).*[21]

Li huwa mehtieg, allura, huwa li attur f'kawza ta' spoll jipprova li ghandu l-pussess.

Jinghad ulterjorment li anke jekk il-pussess ikun wiehed qasir hafna u sahansitra momentarju, dan xorta wahda huwa sufficjenti sabiex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll, imbasta jkun univoku u mhux ibbazat fuq mera tolleranza.[22]

Fid-decizjoni moghtija nhar it-30 ta' April, 2004 fl-ismijiet ***Farrugia Carmelo et vs Farrugia Carmelo et***,[23] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rritenit li pussess kwalunkwe', anke purament materjali u di fatto, anke qasir hafna u sahansitra momentarju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx ibbazat fuq mera tolleranza. Dan ghaliex huwa ben risaput illi minn jiddetjeni haga b'semplici tolleranza ma' jistax jezercita l-*actio spolii*.

[20] Vol XLII p. II p. 973. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.
[21] Iccitat fl-istess decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.
[22] Vol XXXVII p. II p. 642. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar l-24 ta' April, 1947 fl-ismijiet ***Cortis vs Sammut***.
[23] Citazzjoni Numru. 564/1998/1.

Fid-decizjoni moghtija mil-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Gunju, 2004 fl-ismijiet ***Marianna Dean vs Joseph Abela,***[24] gie ritenut li m'hemmx pussess tutelabbli fejn hemm semplici tolleranza.

B'dan li, fid-decizjoni moghtija nhar il-25 ta' Mejju, 2007 fl-ismijiet ***Michael Aquilina et vs Andrew Briffa et,***[25] il-Qorti tal-Appell sostniet li:

> *Huma meqjusin bhala atti ta' semplici tolleranza dawk imnissla "nei rapporti di buon vicinato in grazia dei quali si permetta o si tollera che altrui faccia sulla cosa che gli appartiene cio` che non avrebbe diritto alcuno di farvi" - Ricci, "Corso Teoretico - Practico di Diritto Civile", Vol. V. pagna 73. Fi kliem iehor, jitqies li tkun zamma b'semplici tolleranza dik fejn il-haga tkun mizmuma b'semplici kortezija jew fejn haddiehor ikun jista' jirtiraha x'hin irid. B'zieda ma' dan kollu, jinghad ukoll li l-ghemejjel ta' semplici tolleranza ghandhom xejra ta' transitorjeta` u saltwarjeta`.*[26]

Il-Qorti hija wkoll konxja mill-fatt li l-azzjoni ta' spoll hija radikata fuq l-esigenzi ta' l-utilita' socjali, intiza sabiex taghti protezzjoni lil kwalunkwe' pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh.

Il-fini tal-azzjoni huwa nfatti dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt, jew turbat.[27] Huwa proprju ghalhekk li l-istess disposizzjoni tal-ligi taghmel referenza espressa ghall-Artikolu 791 tal-Kap. 12 li jrid illi l-konvenut f'kawza ta' spoll ma jista' jaghti ebda eccezzjoni li mhix dilatorja qabel ma jkun rega' qieghed il-haga fl-istat pristinu.

Huwa b'din il-mira li l-gurisprudenza u d-dottrina legali jinsistu li l-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll.

Fil-kawza *de quo*, huwa car li l-attur kellu – u ghandu – il-pussess necessarju sabiex jigi sodisfatt dan l-element tal-*actio spolii.*

---

[24] Appell Civili Numru. 930/2003/1.
[25] Appell Civili Numru. 2947/1996/1.
[26] Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar it-12 ta' Jannar, 2005 mil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Cuschieri v. Cilia***.
[27] Vol XLII p. II p. 973 kif ukoll Vol XLI p. II p. 846.

Il-pussess ta' l-attur jirrizulta kemm fuq il-moghdija li fiha kienet tinsab l-ghatba originali li tnehhiet u li dwarha ntavola din l-azzjoni ta' spoll l-attur kif ukoll fuq l-ghatba proprja.

Il-Qorti tosserva li ghalkemm l-attur naqas milli jezebixxi l-pjanta u *site plan* li kienu gew annessi mal-kuntratt ta' kompravendita' tas-7 ta' Marzu, 1986 in atti Nutar Emmanuel Goerge Cefai li bih tnisslet ghandu l-proprjeta' li minnha jifformaw parti l-oggetti mertu ta' din il-kawza;[28] huwa jinsisti li l-moghdija in mertu hija fil-fatt mhux biss posseduta minnu izda proprjeta' tieghu.

Din l-asserzjoni tal-attur m'hijiex kontradetta mill-konvenuti li, fil-fatt, fl-affidavit kemm tal-konvenut Lawrence Micallef kif ukoll ta' ohtu Jessica Refalo jiddikjaraw li l-passagg *qieghed fuq il-proprjeta' ta' Carmel Formosa*.[29]

Il-konvenut Lawrence Micallef imur oltre billi jghid li familtu kienet qabel tghaddi minn fuq l-ghalqa tal-attur b'dan li meta mbaghad l-attur gie biex jibni huma ftehmu fejn u kif kellha tkun il-mghodija taghhom b'dan li nbniet il-mghodija kif ghadha tezisti sallum.

Dwar imbaghad l-ghatba proprju, il-partijiet jaqblu li l-ewwel ghatba nbniet bil-brikks f'forma ta' tarag lejn Otturbu, 2020 mentri dik prezenti saret b'kantun wiehed lejn l-ahhar ta' Frar u l-bidu ta' Marzu, 2021.

B'dan allura li l-element tal-pussess huwa ppruvat a sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li sejra b'hekk tghaddi sabiex tezamina l-elementi l-ohra rekwiziti f'kawza ta' spoll.

**Rigward it-tieni element, il-kwistjoni ta' l-att spoljattiv nniffsu – *spoliatum fuisse*** – ossia, li l-ispoljant ghamel azzjoni kontra r-rieda tal-pussessur li eskludiet lill-pussessur mill-pussess, jinghad kif isegwi:

> *Dwar it-tieni element, huwa mehtieg li jintwera li l-ghamil spoljattiv ikun wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll*

[28] Kopja tal-kuntratt in atti a fol 23 *et seq*.
[29] Il-konvenut jghid dan *verbatim* fl-ewwel paragrafu fil-pagna tal-affidavit tieghu a fol 61 mentri Jessica Refalo tikkonferma l-istess fejn fl-affidavit taghha tiddikjara li hija hadet konjizzjoni tal-affidavit ta' huha Lawrence u tikkonfermah fl-interezza tieghu – ref. l-ewwel paragrafu fil-pagna tal-affidavit taghha a fol 68.

*mahsub li l-ghamil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur ghall-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess.* [30]

Mill-assjem tal-provi jirrizulta car u nkontestat li l-azzjoni spoljattiva sehhet u sehhet mill-konvenuti jew minn minnhom.

L-attur jirnexxilu jipprova dan abbundantement mhux biss bix-xhieda tieghu izda wkoll bi provi f'forma ta' filmat u estratti mill-istess li juru lil uhud mill-konvenuti jnehhu l-brikks li kien originarjament pogga lejn Ottubru, 2020.

Il-konvenuti mhux talli ma' jinnegawx li nehhew il-brikks izda, fl-affidavit tieghu l-konvenut Lawrence Micallef jghid dan espressament[31] u jispjega wkoll ghalfejn ghamel hekk.

B'dan izda li l-istess konvenuti jsostnu li l-ahhar ghatba li saret mill-attur b'kantun wiehed baqghet fejn poggiha l-istess attur u ghadha wkoll tintuza minnu sallum.

Minn dan l-assjem tal-provi, huwa car li l-att spoljattiv sehh u sehh mill-konvenuti jew minn minnhom bi pregudizzju lejn l-attur.

B'dan izda li jirrizulta wkoll li tali att spoljattiv sar f'diversi okkazzjonijiet bejn Ottubru, 2020 – data ta' meta tpoggiet l-ewwel ghatba – u s-6 ta' Marzu, 2021 – data tal-filmat prodott mill-attur li juri l-ahhar okkazzjoni fejn tnehhiet l-ghatba, izda' kuntrarjament ghal dak dikjarat mill-attur fir-raba' premessa tar-rikors guramentat tieghu; ma' jirrizultax li reggha sehh mis-6 ta' Marzu, 2021 il-quddiem.

L-attur stess jixhed fil-fatt li bejn Ottubru, 2020 – meta l-ewwel pogga xi brikks sabiex ifforma tarag quddiem il-bieb tieghu li jghati ghal-mghodija – u Marzu, 2021 – meta flok il-brikks li sa' dakinhar kien irrimpjazza diversi drabi pogga kantun wiehed – kienu bosta d-drabi li kien pogga l-brikks li tnehhew izda, meta finalment pogga l-kantun f'Marzu, 2021 dan baqa' f'postu fejn ghadu.

[30] Ref. decizjoni moghtija nhar it-23 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***Filomena Ellul vs Carmel sive Charles Ellul,*** Citazz. Nru. 428/2000/1 JRM.
[31] Ref. l-ahhar paragrafu fil-pagna a fol 61 tal-affidavit ta' Lawrence Micallef.

**Rigward it-tielet element, l-*infra bimester deduxissi*,** il-Qorti tosserva illi l-attur jinsisti fuq id-data tal-ahhar att spoljattiv li sehh fis-6 ta' Marzu, 2021 b'dan li jghid li bejn Ottubru, 2020 u Marzu, 2021 tnehhew diversi ghetiebi li huwa kien bena bil-brikks sakemm imbaghad pogga ghatba tal-kantun f'Marzu, 2021 li baqghet u ghadha fuq il-post.

Il-Qorti tosserva li l-istanza odjerna giet intavolata fl-4 ta' Mejju, 2021 u allura fit-terminu utili ta' xahrejn li trid il-Ligi mid-data tal-ahhar att spoljattiv li mil-provi prodotti u x-xhieda migjuba huwa car li sehh fis-6 ta' Marzu, 2021.

Huwa ghalhekk sodisfatt ukoll l-element tal-*infra bimester deduxissi*.

B'dan izda li f'dan il-kaz partikolari ghalkemm anke dan l-element gie ppruvat jirrizulta li l-att spoljattiv li wassal ghal din l-istanza u li sehh fis-6 ta' Marzu, 2021 gie rimedjat ukoll f'Marzu, 2021 meta tpoggiet l-ghatba tal-kantun li baqghet u ghadha f'postha.

Jinghad ulterjorment li din l-ghatba tal-kantun tpoggiet mill-attur nniffsu b'rimpjazzament ta' dik tal-brikks li l-konvenuti jammettu li nehhew u ghalhekk ghall-evidenti sodisfazzjoni tal-attur.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq moghtija, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li sehh spoll a pregudizzju tal-attur meta fis-6 ta' Marzu, 2021 tnehha tarag li l-istess attur kien bena bil-brikks. B'dan izda li tichad il-kumplament tat-talbiet attrici stante li l-istess spoll gie spurgat u rimedjat a sodisfazzjon tal-attur bil-bini mil-gdid minnu stess tal-ghatba bil-kantun.

Tenut kont li [i] fuq ammissjoni tal-attur stess, l-ghatba li rrimpjazzat dik originali nbniet minnu f'Marzu 2021 mentri l-kawza giet intavolata f'Mejju, 2021, u; [ii] kontrarjament ghall-eccezzjonijiet imqajma mill-konvenuti gew ippruvati sodisfatti l-elementi necessarji sabiex tirnexxi kawza ta' spoll kif ukoll li f'xi stadju l-konvenuti kienu kolpevoli ta' spoll

– fuq ammissjoni tal-konvenut Lawrence Micallef stess; spejjez jinqasmu nofs a karigu tal-attur u nofs a karigu tal-konvenuti.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur